MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 9/2003

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 3 ta' Ottubru, 2003 .**

**Avviz numru : 9/2003 G2(PC)**

Taddeo Grima .

VS

Frankie Micallef f'ismu proprju u ghan-nom tas-Socjeta' Bendo's Trading Limited .

Il-Qorti ,

Rat l-avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat li jhallsu l-bilanc ta' pagament fis-somma ta' tlett elef tlett mija u tmenin lira maltin (Lm3,380) dovuti lilu in kwantu ghal tlett elef mija u erbgha u tletin lira maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm3,134.68) bhala prezz ta' trobbija u bejgh ta' flieles tas-simna, b'kollox erbat ibtan, ghall-perjodu bejn Frar 2002 u Novembru, 2002, u in kwantu ghal mitejn u hamsa u erbghin liri maltin u tnejn u tletin centezmi (Lm245.32) imghax skond il-ligi mid-data ta' kull konsenja sal-prezentata ta' din il-kawza .

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' April, 2003 .

Bl-imghaxijiet ulterjuri mil-lum sal-effettiv pagament .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin .

Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut proprio et nomine b'dan l-avviz, liema riferta ggib id-data tal-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta .

Innutat illi l-konvenut debitament notifikat b'dan l-avviz anke bil-mozzjoni ta' l-appuntament tal-kawza ghal-lum, naqas illi jattendi ghas-smiegh ta' din il-kawza .

Semghet lill-attur jikkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammonti indikati fl-avviz fejn l-ammont indikat bhala sorte kif ukoll dak bhala imghaxijiet, ghadu ma thallas xejn minnu sal-lum, u ghal hekk ghadhom kollha dovuti .

Rat ukoll ir-rendikont ta' xoghol u spejjez illi l-attur jghid li ghamel fuq inkarigu tal-konvenut proprio et nomine, esebit bhala dokumenti 'A', 'B',. u 'C', man-nota ta' l-attur ipprezentata llum ukoll .

Il-Qorti, ghal hekk, u peress illi jidhrilha li t-talba ta' l-attur hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba, tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jhallas lill-attur il-bilanc ta' pagament fis-somma ta' tlett elef tlett mija u

tmenin lira maltija (Lm3,380), dovuti in kwantu ghal tlett elef mija u erbgha u tletin lira maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm3,134.68) bhala prezz ta' trobbija u bejgh ta' flieles tas-simna, b'kollox erbat ibtan, ghall-perjodu bejn Frar 2002 u Novembru, 2002, u in kwantu ghal mitejn u hamsa u erbghin liri maltin u tnejn u tletin centezmi (Lm245.32) imghax skond il-ligi mid-data ta' kull konsenja sal-prezentata ta' din il-kawza .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-4 ta' April, 2003 .

Bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenut proprio et nomine .

S903Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------